A.L. 178 ta' l-2008

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti ta' l-2008 dwar Drittijiet li jitħallsu lill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għall-Politika Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Drittijiet li jitħallsu lill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel.

Drittijiet.

2. Dawn id-drittijiet li ġejjin għandhom jitħallsu lil, u jingħabru mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel dwar:

	Euro
(a) applikazzjonijiet ġodda minn applikanti li jkunu ġejjin minn xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.....	12
(b) applikazzjonijiet ġodda minn applikanti li jkunu ġejjin minn xi Pajjiż Terz	175
(ċ) bdil fid-dettalji fuq ċertifikati ta' reġistrazzjoni	5
(d) ċertifikati ta' verifika.....	12